**Abbozz ta’ Liġi msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali, sabiex jipprovdi għall-votazzjoni minn persuni li jkunu għalqu l-età ta’ sittax-il sena.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

Kap. 363.

**1.** It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att hu l-Att tal-2014 li jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali, u dan l-Att għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar Kunsilli Lokali, hawnhekk iżjed ’il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Sostituzzjoni tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

**2.** L-artikolu 5 tal-Att prinċipali, għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

"Persuni bil-jedd li jivvotaw.

5. (1) Kull ċittadin ta’ Malta li, wara l-pubblikazzjoni tal-aħħar reġistru elettorali rivedut, ikun għalaq jew ikun ser jagħlaq l-età ta’ sittax-il sena sal-ġurnata u inkluża dik il-ġurnata li tiġi minnufih qabel id-data li fiha għandha ssir l-elezzjoni tal-2015 ’il quddiem ta’ Kunsilli Lokali jew ta’ Kumitati Amministrattivi, u li ma jkunx instab ħati ta’ xi reat li għandu x’jaqsam mal-elezzjoni ta’ membri ta’ Kunsill Lokali jew ta’ Kumitat Amministrattiv ikollu l-jedd jivvota fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u tal-Kumitati Amministrattivi:

Iżda, persuna li tkun għalqet is-sittax-il sena iżda ma tkunx għalqet it-tmintax-il sena, ma tkun tista' twettaq l-ebda funzjoni oħra fil-proċess elettorali.

(2) Kull persuna li tkun ta' nazzjonalità ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li, wara l-pubblikazzjoni tal-aħħar reġistru elettorali tal-Unjoni Ewropea rivedut, tkun għalqet jew tkun ser tagħlaq l-età ta' sittax-il sena sal-ġurnata, u inkluża dik il-ġurnata li tiġi minnufih qabel id-data li fiha għandha ssir l-elezzjoni tal-2015 'il quddiem ta' Kunsilli Lokali jew ta' Kumitati Amministrattivi u li ma tkunx instabet ħatja ta' xi reat konness mal-elezzjoni ta' membri tal-Kunsill Lokali jew ta' Kumitat Amministrattiv għandu jkollha jedd tivvota fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u tal-Kumitati Amministrattivi:

Iżda, persuna li tkun għalqet is-sittax-il sena iżda ma tkunx għalqet it-tmintax-il sena, ma tkunx tista' twettaq l-ebda funzjoni oħra fil-proċess elettorali.".

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għanijiet u raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma li jingħata d-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet tal-2015 'il quddiem tal-Kunsilli Lokali u tal-Kumitati Amministrattivi tal-Kommunitajiet lil dawk il-persuni li jkunu għalqu l-età ta' sittax il-sena.

**A Bill**
**entitled**

*AN ACT to amend the Local Councils Act, to provide for the voting of persons that have attained the age of sixteen years.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

Short title.

**1.** The short title of this Act is the Local Councils (Amendment) Act, 2014 and this Act shall be read and construed as one with the Local Councils Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Cap. 363.

Substitution of article 5 of the principal Act.

**2.** Article 5 of the principal Act shall be substituted by the following:

"Persons entitled to vote.

5. (1) Every citizen of Malta who, after the publication of the last revised Local Councils' Electoral Register, attained or shall attain the age of sixteen years up to the day and including the day preceding the date on which the election of 2015 onwards of the Local Councils or the Administrative Committees is to be held, and who has not been convicted of any offence connected with the election of members of Local Councils or of the Administrative Committee shall be entitled to vote in elections of the Local Councils and of the Administrative Committees:

Provided that, a person who has attained the age of sixteen years but has not attained the age of eighteen years, shall not be able to carry out any other function in the electoral process.

(2) Every person who is a national of a Member State of the European Union who, after the publication of the last revised European Union Electoral Register, attained or shall attain the age of sixteen years up to the day and including the day preceding the date on which the election of 2015 onwards of the Local Council or the Administrative Committee is to be held, and who has not been convicted of any offence connected with the election of members of Local Councils or of the Administrative Committee shall be entitled to vote in elections of the Local Councils and of the Administrative Committees:

Provided that, a person who has attained the age of sixteen years but has not attained the age of eighteen years, shall not be able to carry out any other function in the electoral process.".

---

**Objects and Reasons**

The objects and reasons of this Bill are to provide the right to vote in the Local Councils and Administrative Committees of Communities to those persons that have attained the age of sixteen years.